# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Ali Ibrahim Wadi**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Ali Ibrahim Wadi**, numru tal-identifikazzjoni 118287A fejn ġie mixli talli nhar l-20 ta' Ġunju 2014 għal xil-05:30 ġewwa San Ġiljan u/jew f'dawn il-Gżejjer -

1. Ikkommetta serq ta' handbag li kien fih kartiera vojta, fwieħa tad-ditta Pupa u ħwejjeġ, liema serq huwa kwalifikat bil-ħin għad-detriment ta' Ramona Florentina Cuca u/jew persuni oħra;
2. Talli fil-21 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tal-04:45 ikkommetta ħarba sempliċi waqt li kien fil-kustodja ta' persuni inkarigati mill-kustodja tiegħu;
3. Talli fl-istess data, ħin u lok u ċirkostanzi irrifjuta li jagħti jew ta' falz, lil uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat

minn servizz pubbliku waqt li kien qiegħed jagħmel id-dmirijiet tiegħu ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikolaritajiet oħra;

4. Talli fl-istess data, ħin u lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħ il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tal-21 ta' Lulju 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsensi tal-Avukat Ġenerali a fol 14 u 15 u li permezz tagħhom iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u li l-imputat jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-fini tar-raba imputazzjoni;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat id-dokumenti prodotti;

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet id-deposizzjoni tal-imputat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni, il-provi tal-prosekuzzjoni jikkonsistu fid-deposizzjoni ta' Ramona Florentina Cuca. Mill-provi jirriżulta li din hija *dancer* fil-club White Palace. Hi tixhed li ma kienetx taf lill-imputat qabel, iżda xehdet b'mod ċar u b'mod kategoriku li l-persuna li kienet serqitilha l-handbag tagħha kien l-imputat u ħadd iktar. Anzi għamlet enfażi li kienet għarfitu li kien l-imputat li seraqha. Verament li hija ma għamlitx il-kwerela mal-Pulizija dakinhar stess li ġiet misruqa iżda għamlitha l-għada meta inzertat li reġgħet ratu f'Paceville waqt li kienet qegħda tqassam xi fliers jew biljetti qrib il-White Palace. Verament li din ix-xhud xehdet bl-Ingliż, u l-livell tal-Ingliż tagħha ma kienx wieħed

tajjeb tant li l-Qorti kellha xi ftit diffikulta biex tikkomunika magħha u anke l-Qorti kellha tuża Ingliż sempliċi biex tinftiehem max-xhud. Pero minkejja din il-barriera lingwistika, ix-xhud xorta inftehmet tajjeb u dehret li kienet imbeżżaʼ mhux daqstant mis-serqa daqskemm mill-fatt li l-imputat setgħa jsibha u jagħmillha xi ħaġa oħra. Donnha ma kienetx lesta tagħmel il-kwerela mill-ewwel u għamlitha wara li reġgħet sabet lill-imputat viċin tal-post fejn kienet taħdem. Il-Qorti setgħet tapprezza dan il-fatt għaliex ix-xhud dehret anke fuq il-pedana tax-xiehda li kienet skomda u mbeżżaʼ. Hija beżgħet mill-imputat mhux biss għaliex serqilha l-handbag iżda xehdet aktar minn darba li beżgħet li kien setgħa jagħmlilha xi ħaġa oħra – ħaġa li pero ma seħħitx għaliex ma jirriżultax li l-imputat għamel xi azzjoni oħra kontriha.

Il-Qorti temmen il-verżjoni taʼ din ix-xhud. Din ix-xhud kienet ċara fir-rakkont tagħha minkejja l-Ingliż bagħtut tagħha. Hija rrakkuntat li l-imputat segwiha sal-blokk tal-appartamenti tagħha u ħasbet li kien jirrisjedi fl-istess blokk tant li anke fetħet il-bieb. Hija ratu minn wiċċu għaliex kelmitu wkoll billi staqsietu jekk kienx jgħix fl-istess blokk u fejn hu weġibha fil-pożittiv. Tgħid li kien hemm id-dawl ukoll u bʼhekk setgħet tara wiċċu. Iżda wara li daħlu fil-komun tal-blokk l-imputat serqilha l-basket u hi ħasbet li kien ser jagħmillha xi ħaġa oħra u bdiet tgħajjat. L-imputat ħarab bil-basket tagħha.

Hija tirrakkonta li fil-basket li kien **imitazzjoni** ta' handbag tad-ditta Louis Vuitton. Hija tixhed dwar il-kontenut tal-istess u li kien jikkonsisti f'kostum li tiżfen bih, wallet żgħir li kien vojt, fwieħa, oġġetti tax-xogħol tagħha u spray tax-xagħar. Hi tgħid li **la kellha flus u l-anqas mobile phone**. Anzi waqt li qed tirrakkonta din l-istorja dix-xhud iżżid kumment fis-sens li kienet konxja li ma kellhiex provi oħra għajr ħlief il-verżjoni tagħha li tat; iżda minkejja dan kienet ċerta mija fil-mija li kien l-imputat ir-raġel li serqilha l-handbag. Eżattament tgħid hekk : -

> I was shouting, help, help and then I don't know. After I take the door like this, I go in the street, I say "help, help" got my bag and he escape. I just recognise him, I don't have much proof. That is it. I just recognise him and I am 100% it is him. I don't know what they are going to do, it is not my job but have to sign when it is coming outside not to do bad to me because it is not good this, to steal my bag and I was lucky because there is not much things, much important things.

Fil-fehma tal-Qorti dawn il-fatturi ċirkostanzjali jsaħħu din il-verżjoni tal-imputata. Apparti li hija għarfet lill-imputat bħala l-ħalliel, hija tat deskrizzjoni tal-oġġetti li kellha fil-basket u tikkonferma li la kellha flus u l-anqas oġġetti oħra ta' valur. Dan juri li hija ma riedetx tapprofitta ruħha mill-imputat billi per eżempju tirrakkonta li nsterqulha oġġetti ta' valur eċċetra. Anke l-fatt li kienet inekwivoka fuq l-identita tal-imputat – għarfet li meta seraqha ma kellux il-leħja. Dan juri wkoll li l-istampa ta' wiċċ l-imputat kienet impressa sew fil-memorja tagħha. Inoltre waqt li kienet qed tirrakkonta l-istorja tagħha hija tirrikonoxxi li apparti dik il-verżjoni tagħha ma kellhiex provi oħra dwar is-serqa. Naturalment din hija stqarrija interessanti li tagħmilha vitma għaliex tirrikonoxxi li hija limitata fil-kwalita tal-provi li jkollha in kwantu ma għandhiex elementi

korroboranti. Iżda, probabbilment din ix-xhud forsi mhix konsapevoli bir-regola naxxenti mill-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid –

> (2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l- fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

F'dan il-każ din il-Qorti rat ukoll id-deposizzjoni tal-imputat. Din il-Qorti tqisha inattendibbli. L-imputat jgħid li lil Cuca ma jafhiex, iżda jgħid li kienet tarah ma' ħabib tiegħu. Hu jgħid hekk a fol 120 u 121 : -

> Kienet ħabiba ta' ħbieb tiegħi. Jiena ma nafhiex lil din il-persuna lanqas, assolutament. Dil-persuna, din is-Sinjura hija ħabiba ta' ħabib tiegħi, jien ma għandi x'naqsam fil-problemi tagħha assolutament. Xejn jien ma għandhiex x'naqsam.... Le jiena ma nafhiex qatt ma kellimtha lil din il-persuna, ma nafhiex. Hi tarani ma' ħabib tiegħi din il-persuna pero' jien kont ma ħabib tiegħi, hi kienet tarani sfortunatament ma' dak il-ħabib tiegħi.

Il-Qorti a fol 122 staqsietu jekk għalkemm kien jafha mid-disco, kienx jafha fis-sens li kien jaraha biss jew inkella kienx jitkellem magħha. Huwa wieġeb fin-negattiv anke għall-mistosija jekk kienx jiżfen magħha.

L-imputat jargumenta li din Cuca ħawditu ma xi raġel ieħor li kellha xi ġlieda miegħu. Iżda għal mistoqsija li l-Qorti għamlitlu għal darbtejn jekk din il-persuna li semma' kienetx tixbħu f'surtu u persuntu, l-imputat naqas milli jwieġeb għal din il-mistoqsija.

Biss minkejja li a fol 120, 121 u 122 l-imputat jiċħad li kien jafha jew li kellimha, fl-istess nifs a fol 124 jibdel din il-verżjoni radikalment meta l-Qorti staqsietu kif kien jaf li Cuca kellha ġlieda ma' dan ir-raġel l-ieħor Libjan jekk l-imputat lilha qatt ma kellimha. Fil-fatt ir-risposta tiegħu kienet :

Xhud : qabel l-incident tad-disco, qabel granet hi kelmitni din il-persuna, qalli fejn hu l-ħabib tieghek.

Qorti : Ir-ragel jew il-mara kelmitu?

Xhud : Il-mara.

Qorti : Il-mara kelmitu fid-disco?

Xhud : Hi qalet fejn hu siehbek.

Qorti : lil dan qaltlu fejn hu siehbek?

Xhud : Ezatt.

Qorti : Dan meta kien?

Xhud : l-istess gurnata staqsietni din il-persuna u qaltli fejn hu siehbek?

Qorti : U x'gara?

Xhud : Jien rispondejt lis-Sinjura ma nafx fejn mar dan u qaltli ohrog barra mid-disco. Imbaghad gew zewg irgiel u qabduni u ħarguni barra u wara ħabta u sabta gew il-Pulizija u kelli nispicca fl-għassa tad-distrett ta' San Giljan.

Il-Qorti tqis din bħala inkonsistenza kbira fil-verżjoni tal-imputat li qajla tagħti kredibbilta' lil verżjoni tiegħu.

Pero ċirkostanza oħra li tkompli ssaħħaħ il-konvinzjoni morali ta' din il-Qorti hija l-fatt li l-imputat irreġixxa b'mod inkomprensibbli meta pprova jaħrab mill-kustodja tal-Pulizija. Jekk verament kien innoċenti kif jipprofessa li hu, għaliex ħass il-ħtieġa li jaħrab mill-kustodja tal-

Pulizija, minflok ma jagħti lok li jispjega u jikkjarifika l-innoċenza tiegħu mal-ispettur tal-Pulizija, li sa dak il-ħin kien għadu ma kelmux?

Illi mix-xiehda tal-Aġenti tal-Pulizija PC1516 Vince Cutajar jirriżulta li l-imputat filwaqt li kien ġie arrestat in segwitu għal suspett raġjonevoli li tnissel fil-Pulizija wara li Cuca stqarret li l-imputat kien dak li kkommetta d-delitt ta' serq kwalifikat a dannu tagħha fil-ġurnata ta' qabel, u waqt li kien jinsab fil-vann tal-pulizija meta kien qiegħed jiġi trasportat lejn l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan għal aktar stħarriġ, l-imputat, waqt li kien għadu mmanettjat, ħa spinta u ħarab jiġri minn ġol-vann u l-Pulizija kellha tmur tiġri warajh biex twaqfu. Fil-fatt twaqqaf. Il-Qorti hija moralment konvinta li f'dan il-każ, l-imputat kien arrestat u li fil-mument li ħarab minn taħt idejn il-Pulizija li kienu responsabbli u nkarigati mill-kustodja tiegħu waqt li huwa kien fi stat t'arrest leġittimu u f'post li, għalkemm temporanju, kien maħsub għall-kustodja tiegħu. Għalhekk ir-reat skont l-Artikolu 151 u 160 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta integrat.

Jirriżulta wkoll pruvat mill-provi prodotti li l-imputat ikkommetta r-reati imsemmija fit-tielet imputazzjoni. Inoltre huwa jammetti li kien fil-pussess sempliċi tal-pjanta cannabis, li skontu pero, kienet għall-użu personali tiegħu, minkejja n-numru ta' qratas li nstabu fuqu u s-seba' mitt euro fi flus kontanti.

# *DECIDE*

Li qegħda ssib lil Ali Ibrahim Wadi ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli 17(b)(d), 31, 151, 160, 261(f), 270, 281(a), 338(c) u 533 tal-Kodiċi Kriminali nonche l-Artikoli 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292 tal-1939 u tikkundannah għall-piena ta' tnax il-xahar priġunerija flimkien ma multa komplessiva fl-ammont ta' elf euro (€1000).

Inoltre il-Qorti bħala konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-eżibiti f'dan il-każ.

**Mogħtija illum it-28 jum t'Ottubru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja.***

Sent/proċ reż somm/kont